II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Mejju 2009

dwar il-ħatra ta' tliet membri tal-Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi maħluq permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi fil-qasam tal-kontabilità biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Informazzjoni Finanzjarja (EFRAG)

(2009/386/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi fil-qasam tal-kontabilità biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Informazzjoni Finanzjarja (EFRAG) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2006/505/KE, il-Kummissjoni għandha taħtar sa massimu ta' seba' membri tal-Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi minn esperti indipendenti li l-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fil-qasam tal-kontabilità, b'mod partikolari fil-kwistjonijiet ta' rapportaġġ finanzjarju, huma ġeneralment rikonoxxuti fil-livell Komunitarju.

(2) Skont id-Deċiżjoni 2007/73/KE [2], il-Kummissjoni ħatret seba' membri tal-Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi fit-8 ta' Frar 2007 għal kariga ta' 3 snin li tista' tiġġedded. Sabiex tkun possibbli li ssir rotazzjoni ordnata tas-sħubija fil-Grupp, il-Grupp jista' jiddeċiedi dwar bidla parzjali tal-membri fi gruppi ta' 2 jew 3. Il-Grupp iddeċieda li jibdel 3 Membri fl-2009.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni b'dan taħtar 3 membri tal-Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi, li l-ismijiet tagħhom huma riprodotti fl-Anness.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 993.
[2] ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 187.

ANNESS

LISTA TA' MEMBRI

Rien VAN HOEPEN

Bernard RAFFOURNIER

Mari PAANANEN